**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 71, miżmuma nhar il-Gimgħa 09 ta' Novembru 2018 fil- 17.30, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

**Membri Preżenti:**

- Anne Fenech Sindku
- Alfred Grima Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Edward Bugeja Kunsillier
- Stephen Cremona Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier
- Dounia Borg Kunsillier
- Mandy Buhagiar Kunsillier
- Joseph Vella Kunsillier

**Membri Skużati:**

- Daniel Grima Vici Sindku
- Graziella Galea Kunsillier
- Robert Piscopo Kunsillier
- Rodney Galea Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

# Minuti 71

## 71.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Is-Sindku qrat l-ittri ta' l-apologiji minn għand;
Il-Vici Sindku – Daniel Grima
Il-Kunsillier – Mandy Buhagiar minħabba impenji familjari
Il-Kunsillier – Dr. Robert Piscopo minħabba impenji oħra.
Il-Kunsillier – Joseph Vella minħabba impenji ta' xogħol
Il-Kunsillier – Rodney Galea – minħabba impenji ta' xoghol

71.2 - Rapporti Evalwazzjoni
Is – Segretarju Ezekuttiv presentat tlett **Rapporti Evalwazzjoni –**

**SPB T/04/2018** Tender - Hiring, Installation, Maintanence and Dismantling of Christmas Decorations in the Locality of San Pawl il- Baħar

**SPB T/11/2018** Tender- Provision of Bulky Refuse Collection using Low Emmission Vehicle for the San Pawl il- Baħar Local Council

**SPB T/05/2018** Tender – Upkeep and Maintenance of Soft Areas in San Pawl il-Baħar using enviornmenty friendly measures

Il – Kunsillier Alfred Grima għamel stqarrija li decizjoni sabiex il – Kunsillier Joseph Vella u Kunsillier Paul Bugeja ma jkunux parti mil Evalwazzjoni ta' tender ta' SPB T/04/2018 kienet skorreta.
Il- Kunsillier Joseph Vella sostna li għalkemm huwa kien is -Segretarju ta' Socjeta Muzikali San Pawl u l-istess Socjeta kienet wieħed mill- Operaturi Ekonomici li ipartecipaw fis-sejjħa ta'Tender dan m'ghandux ikun kunflitt ta' interess peress li kien hemm Cirkolari ( giet prezentata ) li tgħid li sakemm il Kunsillier kien jaghmel parti NGO bħala ma hija l- Banda tal – Lokal xorta waħda jista jippartecipa bħala Evalwatur.

Is- Segretarju Ezekuttiv spjegat li fil- formola li trid tintella min kull Evalwatur qabel l-Evalwazzjoni dan irrid jiddikjara kull assocjazjoni diretta u indiretta jekk ikun jaf lil xi Operatur Ekonomiku li wiegeb għas- sejjeha ta' Tender inkwistjoni. Hija kienet konxja li Kunsillier Joseph Vella kien Segretarju tal- Banda Socjeta Muzikali San Pawl għalhekk dan kien jikkostitwixi bħala konflit ta' interess dirett u l- Kunsillier Paul Bugeja kien missier il – President ta l-istess Banda dan kien jikkostitwixi bħala kunflitt ta interess indirett.

Il- Kunsilliera prezenti ezaminaw ir- Rapport ta' Evalwazzjoni ta' SPB T/04/2018. Is-Segretarju Ezekkutiv intalbet sabiex t'prezenta dokumenti relatati mat-tiżjin.

Il- Laqgħa giet sospiza għal ftit ħin sabiex Segretarju Ezekkutiv iggib dokumenti meħtiega

Il- Laqgha reġġet marret għad- diskussjoni. Wara li gew ezaminati dokumenti Is- Sindku u il- Kunsilliera prezenti approvaw ir- rapport kif prezentat

## SPB T/11/2018- Tender Bulky Refuse

Is- Sindku u Kunsilliera ezaminaw dan ir- rapport. Segretarju Ezekkutiv spjegat li l-irħas Operatur Ekonomiku ma' kien eligibli peress li l-permess ta'ERA li prezenta kien skadut
Il- Kunsillier Edward Bugeja irrimarka li huwa importanti ħafna li licenzji tal-vetturi u permessi fuq dawn il vetturi ikunu regolari hu li jkunu relatati mal-vettura.

Is- Sindku u il- Kunsilliera prezenti approvaw ir-rapport kif prezentat

## SPB T/05/2018- Tender Soft Areas

Is- Sindku u Kunsilliera ezaminaw dan ir- rapport.
Il- Kunsillier Joseph Vella li kien Evalwatur f'dan it-Tender ir-rimarka li wieħed mil Operaturi Ekonomci kien fuq il- budget allokat għalhekk ma kienx eligibli.
Il-kunsill approva.

Is- Sindku u l-Kunsilliera prezenti approvaw ir- rapport kif prezentat

Tmiem il-laqgħa

| | |
|---|---|
| <IFFIRMATA> | <IFFIRMATA> |
| __________________________ | ________________________ |
| Anne – Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |